

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

14 ta' Lulju 2011\*

Fil-Kawża C-46/10,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Højesteret (id-Danimarka), permezz ta' deċiżjoni tat-2 ta' Novembru 2009, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-28 ta' Jannar 2010, fil-proċedura

**Viking Gas A/S**

vs

**Kosan Gas A/S, li kienet BP Gas A/S,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn J.-J. Kasel, President tal-Ħames Awla, li qed jaġixxi bħala President tal-Ewwel Awla, A. Borg Barthet, M. Ilešić (Relatur), M. Safjan u M. Berger, Imħallfin,

\* Lingwa tal-Kawża: id-Daniż.

Avukat Ġeneral: J. Kokott,  
Reġistratur: C. Strömholt, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-20 ta' Jannar 2011,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal Viking Gas A/S, minn P. H. Würtz, avukat,
- għal Kosan Gas A/S, li kienet BP Gas A/S, minn E. Bertelsen, avukat,
- għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn S. Fiorentino, avvocato dello Stato,
- għall-Kummissjoni Ewropea, minn F. W. Bulst u H. Støvlbæk, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġeneral, ippreżentati fis-seduta tas-7 ta' April 2011,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

- <sup>1</sup> It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 5 u 7 tal-ewwel Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU Edizzjoni Specjalib il-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 92).
- <sup>2</sup> Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Viking Gas A/S (iktar 'il quddiem "Viking Gas") u Kosan Gas A/S, li kienet BP Gas A/S (iktar 'il quddiem "Kosan Gas"), rigward il-prattika ta' Viking Gas li kienet tikkonsisti fil-bejgħ tal-gass billi timla u tibdel bi ħlas ċilindri tal-gass komposti, li l-forma tagħhom hija protetta bħala trade mark tridimensjonali, li fil-bidu kienu nxtraw minn konsumaturi mingħand Kosan Gas, li għandha liċenzja eskużiva għall-użu tagħhom u li fuqhom waħħlet isimha u l-logo tagħha, protetti bħala trade marks verbali u figurattiva.

## Il-kuntest ġuridiku

- <sup>3</sup> Id-Direttiva 89/104 tħassret bid-Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ottubru 2008, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (Verżjoni kodifikata) (ĠU L 299, p. 25), li daħlet fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2008. Madankollu, il-kawża prinċipali tibqa' rregolata, fid-dawl tad-data tal-fatti, mid-Direttiva 89/104.

4 L-Artikolu 5(1) sa (3) tad-Direttiva 89/104 kien jipprovdi:

“1. It-trade mark reġistrata għandha tagħti l-proprietarju drittijiet esklussivi fuqha. Il-proprietarju għandu jkun intitolat li jimpedixxi terzi persuni kollha li ma għandhomx il-kunsens tiegħu milli jużaw matul il-kummerċ:

- a) kwalunkwe sinjal li hu identiku mat-trade mark fejn għandhom x'jaqsmu merkanzija jew servizzi li huma identiċi għal dawk li t-trade mark hi reġistrata;

kwalunkwe sinjal li, minħabba l-identità ma' jew li jixba it-trade mark u l-identità jew xebħ ta' l-merkanzija jew is-servizzi koperti mit-trade mark u s-sinjal, teżisti l-possibbiltà ta' konfużjoni da parti tal-pubbliku, li tinkludi l-possibbiltà ta' assoċċajazzjoni bejn is-sinjal u t-trade mark.

[...]

3. Is-segwenti, inter alia, jistgħu jkunu projbiti taħt paragrafi 1 u 2:

- a) li jitwaħħal is-simbolu ma' l-merkanzija jew ma' l-imballaġġ ta' dan;

li joffru l-merkanzija, jew li jqiegħduhom fuq is-suq jew li jaħżnuhom għal dawn l-iskopijiet taħt dak is-sinjal, jew li joffru u jforġu servizzi kif jidhru hawn taħt;

[...]"

- 5 L-Artikolu 7 tad-Direttiva 89/104, intitolat “Eżawriment tad-drittijiet mogħtija minn trade mark”, kien jipprovd:

“1. It-trade mark ma tagħtix lill-proprietarju d-dritt li jipprobixxi l-użu tagħha firrigward ta’ merkanzija li tqiegħdet fuq is-suq taħt dik it-trade mark mill-proprietarju jew bil-kunsens tiegħu.

2. Il-paragrafu 1 m’għandux jaapplika fejn jeżistu raġunijiet leġittimi għall-proprietarju biex jopponi aktar kummerċjalizzazzjoni ta’ l-merkanzija, speċjalment fejn il-kundizzjoni ta’ l-merkanzija hi mibdula jew danneġġjata wara li tqiegħdet fuq is-suq.”

- 6 Skont l-Artikolu 65(2) tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, tat-2 ta’ Mejju 1992, moqrri flimkien mal-punt 4 tal-Anness XVII ta’ dan il-Ftehim, l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 89/104, ġie emendat għall-finijiet tal-imsemmi ftehim, billi l-espressjoni [“fil-Komunità”] ġiet issostitwita bil-kliem “fit-territorju ta’ parti kontraenti”.

- 7 L-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 89/104 kien jipprovd:

“Trade mark tista’ tkun liċenzjata għal ftit jew għall-merkanzija jew is-servizzi kollha li għalihom hi reġistrata u għal kollu jew parti mill-Istat Membru konċernat. Liċenzja tista’ tkun esklużiva jew mhux esklużiva.”

## Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

- 8 Kosan Gas tiproduci u tbigħ gass f'ċilindri lil individwi kif ukoll lin-negozji. Sa mis-sena 2001, Kosan Gas tbigħ il-gass f'ċilindri fid-Danimarka f'ċilindri msejħa "komposti" (ċilindri ħfief). Il-forma partikolari ta' dawn iċ-ċilindri hija rreġistrata bħala trade mark tridimensjonali Komunitarja u bħala trade mark tridimensjonali Daniżha għal fjuwil f'forma ta' gass kif ukoll il-kontenituri intiżi li jżommu fjuwil likwidu. Il-validità u l-portata ta' dawn ir-reġistrazzjonijiet ma humiex ikkcontestati.
- 9 Iċ-ċilindri komposti jintużaw minn Kosan Gas skont ftehim ta' xiri eskużiv konkluż mal-produttur Norveġiż taċ-ċilindru, li jagħti lil Kosan Gas liċenzja eskużiva ta' użu ta' dawn iċ-ċilindri bħala trade mark ikkostitwita mill-kontenit fid-Danimarka kif ukoll id-dritt li tieħu azzjoni ta' vjolazzjoni tat-trade mark. Kosan Gas twaħħal ma' dawn iċ-ċilindri isimha u l-logo tagħha, li huma rreġistrati bħala trade marks verbali u figurattiva Komunitarji b'mod partikolari għall-gass.
- 10 Waqt l-ewwel xiri taċ-ċilindru kompost ta' gass mingħand distributur ta' Kosan Gas, il-konsumatur iħallas ukoll il-prezz taċ-ċilindru, li jsir għalhekk proprijetà tiegħi. Barra minn hekk Kosan Gas għandha bħala attivitā li timla ċilindri komposti ladarba dawn huma vojta. Il-konsumatur jista' għalhekk jibdel, mingħand distributur ta' Kosan Gas, ċilindru kompost vojt ma' ċilindru simili li jkun imtela minn dan id-distributur u jħallas biss il-prezz tal-gass mixtri.
- 11 Viking Gas, li tbigħ iżda ma tipproduċix hija stess il-gass, għandha ċentru fejn jimtela l-gass fid-Danimarka, fejn minn hemmhekk iċ-ċilindri komposti, wara li jkunu mtlew bil-gass, jiġu ttrasportati lejn distributuri indipendenti. Viking Gas għalhekk twaħħal stickers ma' dawn iċ-ċilindri, li fuqhom hemm isimha u n-numru taċ-ċentru fejn jimtela l-gass, kif ukoll sticker ieħor li fih b'mod partikolari informazzjoni legali dwar iċ-ċentru fejn jimtela l-gass, u l-kontenut taċ-ċilindri. It-trade marks verbali u figurattiva ta' Kosan Gas, li jinsabu fuq dawn iċ-ċilindri, ma jitneħħewx u lanqas

ma huma mgħottija. Meta jħallas għall-gass, il-konsumatur jista' jibdel, mingħand distributur li jikkollabora ma' Viking Gas, ċilindru tal-gass vojt ma' ċilindru simili mimli minn Viking Gas.

<sup>12</sup> Kosan Gas tbigħ ukoll il-gas billi tuża bħala kontenitur ċilindri oħra li ma humiex iċ-ċilindri komposti, jiġifieri ċilindri tal-gass tal-azzar tal-istress tip bħal dawk li jintużaw mill-parti l-kbira tal-operaturi fis-suq (ċilindri tal-azzar tal-istess tip, sofor, ta' daqs differenti). Dawn iċ-ċilindri, użati preċedentement minn Kosan Gas, ma humiex irreggistrati bħala trade marks ikkostitwiti mill-kontenit tagħhom, iżda, l-istess bħaċ-ċilindri komposti, għandhom it-trade marks verbali u figurattiva ta' din l-imprija. Viking Gas issostni li Kosan Gas aċċettat matul diversi snin, u għadha taċċetta, li impriżi oħra jimlew dawn iċ-ċilindri standardizzati sabiex ibiegħu l-gass tagħhom filwaqt li dawn għandhom isem u l-logo ta' Kosan Gas.

<sup>13</sup> Sussegwentement għal proċedimenti għal vjolazzjoni mressqa minn Kosan Gas, il-fogedret ta' Viborg ipprojbixxet lil Viking Gas, permezz ta' digriet tas-6 ta' Diċembru 2005, milli tbigħ il-gass billi timla ċilindri komposti ta' Kosan Gas. Dan id-digriet ġiet kkonfermat b'sentenza tas-Sø- og Handelsretten, tal-21 ta' Diċembru 2006, li tikkonstata b'mod partikolari li Viking Gas tikser id-drittijiet ta' trade mark ta' Kosan Gas billi timla u tikkummerċjalizza ġ-ċilindri komposti fid-Danimarka u tipprojbixxi l-użu mill-ewwel imprija tat-trade marks li tagħhom hija proprjetarja Kosan Gas. Minbarra dan Viking Gas ġiet ikkundannata tħallas DKK 75 000 lil Kosan Gas bħala kumpens għall-użu ta' dawn it-trade marks.

<sup>14</sup> Viking Gas ippreżzentat appell minn din is-sentenza quddiem il-Højesteret, li ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

“1) Id-dispożizzjonijiet meħħuda flimkien tal-Artikolu 5 u tal-Artikolu 7 tad-[Direttiva 89/104], għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-imprija B tkun

responsabbi għal vjolazzjoni meta timla u tbiegħ gass f'tankijiet [ċilindri] tal-gass provenjenti mill-imprija A meta ċ-ċirkustanzi segwenti jkunu sodisfatti:

- a) A tbigħ il-gass f'tankijiet [ċilindri] imsejħa komposti li għandhom forma speċjali li hija rreġistrata bħala tali, jiġifieri bħala trade mark ikkostitwita mill-kontenitur, bħala trade mark Daniża u bħala trade mark Komunitarja. A mhijiex il-proprietarja ta' dawn it-trade marks ikkostitwiti mill-kontenitur, iż-żda għandha liċenzja esklużiva sabiex tagħmel użu minnhom fid-Danimarka, u għandha d-dritt li tressaq azzjoni abbażi tal-vjolazzjoni fid-Danimarka.
- b) [f]il-mument tal-ewwel xirja ta' tank [ċilindru] kompost mimli bil-gass mingħand distributur ta[l-imprija] A, il-konsumatur iħallas ukoll għat-tank [ċilindru] u b'hekk isir proprietarju tiegħu.
- c) A twettaq il-proċess ta' mili tat-tankijiet [ċilindri] komposti fis-sens li l-konsumaturi jistgħu, billi jħallsu għall-gass, jiskambjaw, mingħand distributur ta' [l-imprija] A, tank [ċilindru] kompost vojt ma' tank [ċilindru] simili li jkun ġie mimli minn A.
- d) [l-imprija] B għandha bħala attivită l-mili tat-tankijiet [ċilindri] tal-gass, u b'mod partikolari tat-tankijiet [ċilindri] komposti koperti mit-trade mark ikkostitwita mill-kontenitur imsemmija fil-punt a), fejn il-konsumaturi jistgħu, billi jħallsu għall-gass, jiskambjaw, mingħand distributur [sħab] ta[l-imprija] B, tank [ċilindru] kompost vojt ma' tank [ċilindru] simili li jkun ġie mimli minn B.
- e) [m]eta t-tankijiet [ċilindri] komposti inkwistjoni jiġu mimlja bil-gass minn B, din tal-aħħar twaħħal fuqhom stickers li jindikaw li l-mili ġie mwettaq minnha?

- 2) Jekk għandu jitqies li, bħala regola ġenerali, il-konsumaturi jkollhom l-impressjoni li teżisti rabta bejn [l-impriżi] A u B, dan ikun ta' importanza għar-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda?
- 3) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda tkun fin-negattiv, l-eżitu jista' jiġi influwenzat mill-fatt li t-tankijiet [ċilindri] komposti - minbarra l-fatt li huma koperti mit-trade mark ikkostitwita mill-kontenitur imsemmija iktar 'il fuq - huma wkoll dotati bit-trade marks verbali u/jew figurattivi rreġistrati tal-impriża A (imnaqqxa fuq it-tank [ċilindru]) li jibqgħu viżibbli minkejja l-istickers tal-impriża B?
- 4) Jekk ir-risposta għall-ewwel jew għat-tielet domanda tkun fl-affermattiv, ir-riżultat jista' jiġi influwenzat mill-premessa li, fir-rigward ta' tipi oħra ta' tankijiet [ċilindri] li mħumiex koperti mit-trade mark ikkostitwita mill-kontenitur imsemmija iktar 'il fuq, iżda li huma dotati bit-trade mark verbali u/jew figurattiva tal-impriża A, din tal-aħħar aċċettat għal-ħafna snin u għadha taċċetta sal-lum li impriżi oħra jimlew dawn it-tankijiet [ċilindri]?
- 5) Jekk ir-risposta għall-ewwel jew għat-tielet domanda tkun fl-affermattiv, l-eżitu jista' jiġi influwenzat mill-fatt li l-konsumatur stess jirreferi direttament għall-impriża B sabiex
- a) jiskambja, billi jħallas għall-gass, tank [ċilindru] kompost vojt ma' tank [ċilindru] simili li jkun ġie mimli minn B jew
- b) jimla bil-gass, billi jħallas, it-tank [ċilindru] kompost li jkun ħa miegħu?

## Fuq id-domandi preliminari

- <sup>15</sup> Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu kkunsidrati flimkien, il-qorti tar-rinvju essenzjalment tistaqsi jekk, u, jekk ikun il-każ, f'liema kundizzjonijiet, persuna li għandha liċenzja esklużiva għall-użu ta' ċilindri tal-gass komposti intiżi sabiex jintużaw mill-ġdid, li l-forma tagħhom hija protetta bħala trade mark tridimensjonali u li fuqhom il-persuna li żżomm dawn iċ-ċilindri waħlet isimha u l-logo tagħha, irreggistrati bħala trade marks verbali u figurattiva, tista' topponi, skont l-Artikoli 5 u 7 tad-Direttiva 89/104, li dawn iċ-ċilindri, wara li jkunu nxtraw minn konsumaturi li, sussegwentement użaw il-gass li inizjalment kien jinsab fihom, jinbidlu minn terz, bi-ħlas, ma' ċilindri komposti mimlija bil-gass, li ma humiex ta' provenjenza minn din il-persuna.

### Osservazzjonijiet issottomessi lill-Qorti tal-Ġustizzja

- <sup>16</sup> Skont Viking Gas, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-fatt li ċilindri komposti jimtlew u jiġu mibdula ma jistax jiġi pprojbit skont l-Artikoli 5 u 7 tad-Direttiva 89/104. Kosan Gas u r-Repubblika Taljana jagħtu opinjoni kuntrarja. Fir-rigward tal-Kummissjoni Ewropea, għandu essenzjalment jiġi ddeterminat jekk teżistix, fil-kawża prinċipali, probabbiltà ta' konfużjoni fis-sens li l-konsumatur jista' jemmen li l-gass li jinsab f'ċilindru mimli minn Viking Gas ġej minn Kosan Gas jew li teżisti rabta ekonomika bejn dawn l-impriżi, ħaġa li hija l-qorti tar-rinvju li għandha tiddeċċiedi.
- <sup>17</sup> Viking Gas issostni li l-konsumatur jixtri ċ-ċilindru kompost waqt l-ewwel xirja, li jkollu bħala konsegwenza l-eżawriment tad-dritt ta' trade mark ta' Kosan Gas. Konsegwentement, il-konsumatur għandu d-dritt li już-a liberament dan iċ-ċilindru, li huwa barra minn hekk ġustament intiż biex jamtela bil-gass, sabiex jerġa' jamtela mill-ġdid. Id-drittijiet mogħti ja l-proprietarju ta' trade mark ma jistgħux jaslu sabiex jipprekludu li huwa kopert minn din it-trade mark

li jużah għall-finijiet li għalihom tqiegħed fis-suq. Jimporta ftit, f'dan ir-rigward, li l-konsumatur jimla ċ-ċilindri komposti li huwa xtara billi jindirizza ruħu direttament lil Viking Gas jew billi jibdel ċilindru kompost vojt ma' ċilindru simili mimli mingħand distributur li jikkollabora ma' Viking Gas. Fil-fatt, peress li, f'dawn iż-żewġ ipoteżiġiet, huwa ġar ġħax-xerrejja li, minn naħa, iċ-ċilindru kompost huwa oġġett użat u, min-naħħa l-oħra, il-gass ġej mhux minn Kosan Gas, iżda minn Viking Gas, li ser ikun indikat fuq iċ-ċilindri permezz ta' twaħħil ta' stickers, il-bejgħ mill-ġdid ta' ċilinidri mimlija minn Viking Gas ma jippreġudikax id-drittijiet ta' trade mark ta' Kosan Gas.

- <sup>18</sup> Viking Gas issostni li, għat-tipi ta' ċilindri ta' gass li ma humiex ċilindri komposti, huwa frekwenti li l-mili mill-ġdid sussegwenti tagħhom isir minn operaturi li ma humiex dawk li kkummerċjalizzaw dawn it-tipi ta' ċilindri. Issa, Kosan Gas ma tistax ittemm dan l-użu billi tintroduċi fis-suq ċilindru tal-gass ta' tip ieħor. Fil-fatt, il-kisba ta' dritt ta' trade mark ma jistax ikollu bħala għan li joħloq barrieri fis-swieq sabiex jittieħed beneficiċju minn vantaġġ kompetittiv indebitu u li tiġi pprattikata differenza fil-prezz mhux iġġustifikata, ħaġa li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni wkoll fl-interpretazzjoni tar-regoli dwar l-eżawriment tad-dritt mogħti mit-trade mark. Viking Gas tafferma, f'dan il-kuntest, li Kosan Gas tuża n-nuqqas ta' eżawriment tad-dritt mogħti mit-trade mark inkwistjoni sabiex twettaq diviżjoni artifiċjali tas-suq tal-gass fiċ-ċilindru, li ser ikun ipprovat mill-fatt li din l-impriżza attwalment tbigħ il-gass li jinsab f'ċilindru kompost għal prezz ogħla għal iktar minn 20% dak tal-ġass li jinsab f'ċilindru tal-azzar klassiku, mingħajr ma jeżistu fatturi marbuta mal-produzzjoni jew mad-distribuzzjoni li jistgħu jiġiġustifikaw tali differenza fil-prezz.
- <sup>19</sup> Kosan Gas tikkunsidra li, fil-kawża prinċipali, dawn huma prodotti u trade marks identiċi, b'mod li hemm vjolazzjoni minn dan l-uniku fatt. F'kull każ, teżisti probabbiltà ta' konfużjoni għolja peress li t-tikkettar taċ-ċilindri komposti li sar minn Viking Gas huwa diskret ħafna.

- 20 Kosan Gas tqis li r-regola tal-eżawriment tad-dritt mogħti mit-trade mark ma jawtorizzax lil Viking Gas milli tipproċedi biex timla mill-ġdid u għall-bejgħ tal-gass tagħha stess f'ċilindri komposti protetti minn trade mark li tagħha hija ma hijiex il-proprietarja. Fil-fatt, din ir-regola timplika biss li Kosan Gas ma tistax topponi li ċ-ċilindri komposti mimlija u mqiegħda fis-suq minnha stess jinbiegħu mill-ġdid. L-eżawriment tad-dritt inkwistjoni ma jistax jikkonċerna kontenitħur li jista' jintuża mill-ġdid, peress li l-kontenitħur ma huwiex minnu nnifsu prodott, minħabba li l-prodott huwa, f'dan il-każ, il-gass. Anki f'ipoteżi bil-kontra, l-eżawriment jista' jikkonċerna biss il-kontenitħur inkwantu tali, anki jekk dan jista' jiġi ddistribwit mingħajr kontenut. Barra minn hekk, is-sostituzzjoni ta' prodott kopert minn trade mark, li huwa intiż sabiex jintuża mill-konsumaturi, tikkostitwixxi bidla ta' dan il-prodott fis-sens tal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 89/104, li għaliha l-proprietarju ta' din it-trade mark jista' jopponi anki wara li qiegħed il-prodott fis-suq.
- 21 Ir-Repubblika Taljana tagħmel osservazzjoni dwar ir-riskji li jirriżultaw minn protezzjoni ta' kontenituri bħala trade mark tridimensjonali u tal-interess pubbliku sabiex tiġi mħeġġa l-kompetizzjoni u l-protezzjoni tal-konsumaturi. Madankollu, dan l-interess huwa protett mill-Artikolu 3 tad-Direttiva 89/104, li jelenka r-raġunijiet għar-rifut u ta' invalidità tat-trade marks, u ma jistax jikkontribwixxi sabiex jiddefinixxi l-limiti u l-portata tad-dritt mogħti mit-trade mark, ladarba din tkun qed validament irregiestrata. Peress li l-validità tar-regiestrazzjoni taċ-ċilindru kompost bħala trade mark ma hijiex ikkontestata, għandu jiġi stabbilit li l-forma taċ-ċilindru għandha funzjoni distintiva fir-rigward tal-prodott, li jimplika li l-bejgħ tal-istess prodott taħt l-istess forma minn terz jieħu miegħu l-funzjoni distinta tat-trade mark.
- 22 Il-prinċipju tal-eżawriment tad-dritt mogħti mit-trade mark ma jistax jiġi invokat kontra din l-interpretazzjoni, li tirreferi unikament għall-bejgħ mill-ġdid suċċessiv tal-prodott li għalihi l-eżawriment tat-trade mark ikun seħħ. Anki jekk kellu jsir argument bil-kontra, id-drittijiet ta' trade mark ma humiex madankollu eżawrati fil-kawża prinċipali peress illi ċ-ċirkustanzi deskritti mill-qorti tar-rinvju jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga prevista fl-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 89/104. Fil-fatt, iċ-ċirkustanza li Viking Gas timla ċ-ċilindri bil-gass tagħha stess joħloq riskju

ta' dannu jew ta' bidla tal-“prodott-ċilindru”. Kosan Gas għandha interess evidenti li ċ-ċilindri komposti jimtlew mid-distributuri approvati tagħha, sabiex tkun tista' żżomm kontroll fuq il-kwalità tal-prodott mibjugħi, peress li n-nuqqas li dan jista' jkollu effett fuq ir-reputazzjoni tat-trade mark.

<sup>23</sup> Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-element determinanti fil-kawża prinċipali jirrigwarda l-kwistjoni jekk il-konsumatur li jmur għand Viking Gas sabiex jimgħad ċ-ċilindru kompost vojt tiegħu huwiex fil-pożizzjoni li jifhem mingħajr diffikultà, abbażi biss tat-tikkettar, li l-gass li ser jixtri ġej minn Viking Gas u li ma teżistix rabta ekonomika bejn din l-impriżza u Kosan Gas. Hija tippreċiżha li s-sitwazzjoni fil-kawża prinċipali taqa' taħt l-Artikolu 5(1)(a) tad-Drettiva 89/104, li jipproteġi, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-funzjonijiet kollha tat-trade mark. Madankollu, xejn ma jindika li xi funzjonijiet, barra dik li tikkonsisti li tiggarantixxi l-oriġini tal-prodott, huma kompromessi minħabba l-użu inkwijsjoni.

<sup>24</sup> Fir-rigward tal-kwistjoni tal-eżawriment tad-dritt mogħti mit-trade mark, il-Kummissjoni tagħmel distinzjoni bejn, minn naħa, l-użu taċ-ċilindru kompost mimli bil-gass ta' Kosan Gas jew, skont il-każ, iċ-ċilindru kompost vojt u, min-naħħa l-oħra, l-użu ta' dan iċ-ċilindru mimli b'gass li ġej minn impriżza oħra. L-ewwel tip ta' użu ma jistax jiġi pprojbit mill-proprietarju tat-trade mark ikkostitwita mill-kontenit, peress illi d-drittijiet mogħtija minnha kienu ġew eżawriti bil-bejgħ taċ-ċilindru kompost sa fejn dan il-bejgħ kien jippermetti li jitwettaq il-valur ekonomiku taċ-ċilindru. Fir-rigward tat-tieni tip ta' użu, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-prodott kopert mit-trade mark, jiġifieri l-gass, kien digħi intuża u kien ġie ssostitwit, mingħajr il-kunsens tal-proprietarju tat-trade mark, bi prodott ieħor li ma huwiex ta' provenjenza mill-proprietarju ta'din it-trade mark. F'każ bħal dan, il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 89/104 ma humiex sodisfatti, peress li t-trade mark ma tippermettix li jiġi għarantit l-oriġini tal-prodott li hija suppost tkopri.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

- <sup>25</sup> Skont ġurisprudenza stabbilita, l-Artikoli 5 sa 7 tad-Direttiva 89/104 jwettqu armonizzazzjoni kompleta tar-regoli marbuta mad-drittijiet mogħtija minn trade mark u b'hekk jiddefinixxu d-drittijiet li jibbenefikaw minnhom il-proprietarji tat-trade marks fl-Unjoni Ewropea (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-3 ta' Ġunju 2010, Coty Prestige Lancaster Group, C-127/09, Ġabru p. I-4965, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- <sup>26</sup> B'mod partikolari, l-Artikolu 5 tal-imsemmija direttiva jagħti lill-proprietarju tat-trade mark dritt esklużiv li jippermettilu li jipprobixxi lit-terzi kollha, b'mod partikolari, li joffru prodotti bit-trade mark tiegħu, li jqiegħduhom fis-suq jew li jżommuhom għal dawn il-ġhanijiet. L-Artikolu 7(1) tal-istess direttiva fih eċċeżżjoni għal din ir-regola, peress li jipprovdi li d-dritt tal-proprietarju jiġi eżawrit meta l-prodotti jkunu tqiegħdu fis-suq fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) mill-proprietarju stess jew bil-kunsens tiegħu (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2009, Makro Zelfbedieningsgroothandel *et al*, C-324/08, Ġabru p. I-10019, punt 21 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- <sup>27</sup> L-estinzjoni tad-dritt esklużiv tirriżulta kemm mill-kunsens tal-proprietarju għal tqiegħid fis-suq fiż-ŻEE, kemm jekk espliċitu jew impliċitu, jew bit-tqiegħid fis-suq mill-proprietarju fiż-ŻEE mill-proprietarju stess jew minn operatur ekonomikament marbut mal-proprietarju, bħal, b'mod partikolari, persuna li jkollha liċenzja. Il-kunsens tal-proprietarju jew it-tqiegħid fis-suq fiż-ŻEE minnu jew minn operatur li huwa ekonomikament marbut miegħu, li huwa ekwivalenti għal rinunza għad-dritt esklużiv tiegħu, jikkostitwixxu għalhekk kull wieħed fattur determinanti tal-estinzjoni ta' dan id-dritt (ara s-sentenza Coty Prestige Lancaster Group, iċċitata iktar 'il fuq, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- <sup>28</sup> Fil-kawża prinċipali, huwa paċifiku li ċ-ċilindri komposti, li l-fatt li jimtlew u jiġu midula minn Viking Gas huwa inkwiſjoni, kienu tqiegħdu fis-suq fiż-ŻEE minn Kosan Gas, li għandha liċenzja esklużiva għall-użu fid-Danimarka tat-trade mark tridimensjonali kkostitwita mill-forma ta' dawn iċ-ċilindri u li hija l-proprietarja tat-trade marks verbali u figurattivi mwahħħla magħħom.
- <sup>29</sup> Kosan Gas, ir-Repubblika Taljana u l-Kummissjoni jqisu madankollu li l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 89/104 għandu jiġi interpretat fis-sens li dan it-tqiegħid fis-suq jeżawrixxi biss id-dritt tal-proprietarju jew tal-persuna li għandha liċenzja li tippobjibxxi t-tqiegħid fis-suq ulterjuri ta' čilinidri li għadhom mimlijin bil-gass oriġinali jew vojta, iżda ma jawtorizzax lil terzi li jimlew, għal finniet kummerċjali u bil-gass tagħhom stess, dawn l-istess ċilindri. Kosan Gas issostni b'mod partikolari li l-eżawriment tad-dritt ta' trade mark ma jistax jikkonċerna l-kontenitū tal-prodott.
- <sup>30</sup> F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li ċ-ċilindri komposti, li huma intiżi li jintużaw mill-ġdid diversi drabi, ma jikkostitwixx sempliċi kontenitū tal-prodott ta' oriġini, iżda għandhom valur ekonomiku awtonomu u għandhom jiġu kkunsidrati bħala prodott huma stess. Fil-fatt, waqt l-ewwel xiri ta' tali kontenitū mimli bil-gass mingħand distributur ta' Kosan Gas, il-konsumatur għandu jħallas mhux biss għal dan il-gass, iżda wkoll għaċ-ċilindru kompost, li l-prezz tiegħu huwa ogħla minn dak taċ-ċilindri tal-gass tal-azzar tradizzjonal, b'mod partikolari minħabba karatteristiċi tekniċi partikolari tiegħu, u għall-prezz tal-gass li jinsab fi.
- <sup>31</sup> F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandhom jitqiegħdu f'bilanċ, minn naħa, l-interess legħittimi tal-persuna li għandha liċenzja tad-dritt ta' trade mark ikkostitwita mill-forma taċ-ċilindru kompost u proprijetajru tat-trade marks imwahħħla miegħu li jagħmel profit mid-drittijiet marbuta ma' dawn it-trade marks u, min-naħħa l-oħra, l-interessi legħiġġi tax-xerrejja ta' dawn iċ-ċilindri, b'mod partikolari dak li jgawdu kompletament mid-dritt ta' proprijetà tagħhom fuq dawn iċ-ċilindri, kif ukoll l-interess ġenerali li tinżamm kompetizzjoni mhux distorta.

- <sup>32</sup> Fir-rigward tal-interess tal-persuna li għandha līcenzja u li hija proprjetarja li tagħmel profit mid-drittijiet marbuta ma' dawn it-trade marks, għandu jiġi kkonstatat li l-bejgħ taċ-ċilindri komposti jippermettilha li ġġib il-valur ekonomiku tat-trade marks relatati ma' dawn iċ-ċilindri. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja digħà kkonstatat li bejgħ li jippermetti t-twettiq tal-valur ekonomiku tat-trade mark jeżawrixxi d-drittijiet eskużivi mogħtija mid-Direttiva 89/104 (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-30 ta' Novembru 2004, Peak Holding, C-16/03, Ġabra p. I-11313, punt 40).
- <sup>33</sup> Fir-rigward tal-interessi tax-xerrejja ta' ċilindri komposti, huwa paċifiku li dawn ma jistgħux igawdu għal kollox mid-dritt ta' proprietà tagħhom fuq dawn iċ-ċilindri fl-ipoteżi fejn dan id-dritt huwa limitat mid-drittijiet ta' trade mark relatati magħħom anki wara l-bejgħ ta' dawn iċ-ċilindri mill-proprjetarju jew bil-kunsens tiegħu. Hekk kif irrilevat l-Avukat Ġenerali fil-punt 66 tal-konklużjonijiet tagħha, dawn ix-xerrejja ma humiex partikolarmen liberi fl-eżerċizzju ta' dan id-dritt, iżda huma marbuta ma' fornitur tal-gass wieħed sabiex dawan iċ-ċilindri jerġgħu jimtlew.
- <sup>34</sup> Fl-aħħar nett, li persuna li għandha līcenzja għad-dritt għal trade mark ikkostitwita bil-forma taċ-ċilindru kompost u li hija proprjetarja tat-trade marks imwaħħla miegħu li topponi, abbażi tad-drittijiet relatati ma' dawn it-trade marks, li ċ-ċilindri jimtlew ulterjorment inaqqas indebitament il-kompetizzjoni fis-suq "downstream", dwar il-mili taċ-ċilindri tal-ġass, u jinkludi anki r-riskju ta' barrieri f'dan is-suq meta din il-persuna li għandha līcenzja u hija proprjetarja tasal li timponi ċ-ċilindru tagħha permezz tal-karatteristiċi tekniċi partikolari tiegħu, peress li l-protezzjoni tagħhom ma hijiex is-suġġett tad-dritt ta' trade marks. Dan ir-riskju huwa, barra minn hekk, miżjud minħabba l-fatt li ċ-ċilindru kompost għandu spiża għolja meta pparagunat mal-ġass u li x-xerrej, sabiex ikun jista' jagħżel mill-ġdid liberament il-fornitur tal-ġass tiegħu, ikollu jirrinunzja għall-investiment inizjali mwettaq għax-xiri taċ-ċilindru, meta l-ġbir tal-ispejjeż tiegħu kien jippresupponi numru suffiċċenti ta' użu mill-ġdid.
- <sup>35</sup> Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet li jippreċedu jirriżulta li l-bejgħ taċ-ċilindru kompost jeżawrixxi d-drittijiet li l-persuna li għandha līcenzja tad-dritt għal trade mark ikkostitwita bil-forma taċ-ċilindru kompost u proprjetarja ta' dawn it-trade marks imwaħħla miegħu tieħu minn dawn it-trade marks u jittrasferixxi lix-xerrej

id-dritt li jiddisponi liberament minn dan iċ-ċilindru, inkluż dak li jibdlu jew jimlih, ladarba l-gass oriġinali jintuża, mingħand impriżza tal-għażla tiegħu, jiġifieri mhux biss mingħand din il-persuna li għandha liċenzja u li hija proprjetarja, iżda wkoll mingħand wieħed mill-kompetituri tagħha. Dan id-dritt tax-xerrej għandu bħala korollarju d-dritt tal-kompetituri tiegħu li jipproċedu, fil-limiti li jinsabu fl-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 89/104, sabiex jimlew u jibdlu cīlindri vojta.

- <sup>36</sup> F'dak li jikkonċerna dawn il-limiti, għandu jitfakkar li, skont dan l-Artikolu 7(2), il-proprjetarju ta' trade mark jista' minkejja t-tqegħid fis-suq tal-prodotti koperti bit-trade mark tiegħu, jopponi t-tqegħid fis-suq ulterjuri tagħhom meta raġunijiet leġittimi jiġiustifikaw tali oppożizzjoni u, b'mod partikolari, meta l-istat tal-prodotti jinbidel jew jiġi danneġġat wara t-tqegħid fis-suq tagħhom. Skont ġurisprudenza stabbilita, l-użu tal-avverbju “speċjalment” fl-Artikolu 7(2) juri li l-ipoteżi dwar il-bdil jew id-dannu fl-istat tal-prodotti koperti bit-trade mark tingħata biss bħala eżempju ta' x'jistgħu jikkostitwixxu raġunijiet leġittimi (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-23 ta' April 1999, Copad, C-59/08, Ġabra p. I-3421, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitat).
- <sup>37</sup> Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja digħà ddeċidiet li tali raġuni leġittima teżisti wkoll meta l-użu minn terz ta' sinjal identiku għal jew li jixbah lit-trade mark jippreġudika b'mod gravi r-reputazzjoni tagħha jew ukoll meta dan l-użu jsir b'mod li jagħti l-impressjoni li teżisti rabta ekonomika bejn il-proprjetarju tat-trade mark u dan it-terz, u b'mod partikolari li dan it-terz jagħmel parti min-netwerk ta' distribuzzjoni tal-proprjetarju jew li teżisti relazzjoni speċjali bejn dawn iż-żewġ persuni (ara f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Lulju 2010, Portakabin, C-558/08, Ġabra p. I-6963, punti 79 u 80 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitatata).
- <sup>38</sup> Jekk hija l-qorti tar-rinvju li għandha tevlawa jekk jeżistix, fir-rigward taċ-ċirkustanzi li jikkarratterizzaw il-kawża prinċipali, tali raġuni leġittima, madankollu lil din il-qorti għandha tiġi pprovduta xi indikazzjonijiet għal din l-evalwazzjoni, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-fatturi konkretri li fuqhom hija tagħmel domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja.

- 39 F'dan il-kuntest, għandu jiġi ppreċiżat li, sabiex tingħata tweġiba għall-kwistjoni jekk it-tqegħid fis-suq taċ-ċilindri komposti mimlija minn Viking Gas huwa magħmul b'mod li jagħti l-impressjoni li teżisti rabta ekonomika bejn din l-impriża u Kosan Gas, ħaġa li tawtorizza lil Kosan Gas li topponi dan it-tqegħid fis-suq, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni t-tikkettar ta' dawn iċ-ċilindri kif ukoll tal-kundizzjonijiet li fihom dawn jiġu mibdula.
- 40 Fil-fatt, it-tikkettar taċ-ċilindri komposti u l-kundizzjonijiet li fihom dawn jiġu mibdula ma għandhomx iwasslu lill-konsumatur medju, normalment informat u raġonevolment attent u avżat, li jikkunsidra li teżisti rabta bejn iż-żewġ impriżi inkwistjoni fil-kawża prinċipali jew li l-gass li serva biex jimtlew dawn iċ-ċilindri ġej minn Kosan Gas. Sabiex jiġi evalwat jekk tali impressjoni żbaljata hija prekluża, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni prattiki f'dan is-settur u, b'mod partikolari, tal-punt jekk il-konsumaturi għandhomx l-użanza li ċ-ċilindri tal-gass jimlewhom minn distributuri oħra. Jidher barra minn hekk raġonevoli li jiġi preżunt li konsumatur li jmur direttament għand Viking Gas kemm biex jibdel iċ-ċilindru tal-gass vojt tiegħu ma' ċilindru mimli, kemm biex jimla ē-ċilindru tiegħu stess huwa iktar faċilment fil-pożizzjoni li jagħraf l-assenza ta' rabta bejn din l-impriża u Kosan Gas.
- 41 Fir-rigward tal-fatt li ċ-ċilindri komposti huma koperti b'trade marks verbali u figurattiva kkostitwiti bl-isem u bil-logo ta' Kosan Gas, li jibqgħu, skont il-konstatazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju, viżibbli minkejja t-tikkettar imwahħħal minn Viking Gas ma' dawn iċ-ċilindri, għandu jiġi rrilevat li din iċ-ċirkustanza tikkostitwixxi elementi rilevanti sa fejn hija tidher li teskludi li dan it-tikkettar jibdel l-istat taċ-ċilindri billi jaħbi l-oriġini tagħhom.
- 42 Minn dak kollu li jippreċedi jirriżulta li d-domandi magħmulu għandhom jiġu risposti li l-Artikoli 5 u 7 tad-Direttiva 89/104 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jippermettux lil persuna li għandha liċenzja eskużiva għall-użu ta' ċilindri tal-gass komposti intiżi sabiex jintużaw mill-ġdid, li l-forma tagħhom hija protetta bħala trade mark tridimisjonali u li din il-persuna twahħħal magħhom isimha u l-logo tagħha,

irreġistrati bħala trade marks verbali u figurattiva, li topponi li dawn iċ-ċilindri, wara li jkunu nxtraw minn konsumaturi li sussegwentement, użaw il-gass li inizjalment kien jinsab fihom, jiġu mibdula minn terz, bi ħlas, ma' ċilindri komposti mimlija bil-gass li ma humiex ġejjin minn din il-persuna li għandha l-iċenzja, sakemm din l-istess persuna li għandha l-iċenzja ma tkunx tista' tibbażza ruħha fuq raġuni ġusta fis-sens tal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 89/104.

### **Fuq l-ispejjeż**

- <sup>43</sup> Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinvju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-observazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikoli 5 u 7 tal-ewwel Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jippermettux lil persuna li għandha l-iċenzja esklużiva għall-użu ta' ċilindri tal-gass komposti intiżi sabiex jintużaw mill-ġdid, li l-forma tagħhom hija protetta bħala trade mark tridimensionsi u li din il-persuna twahħhal magħħom isimha u l-logo tagħha, irreġistrati bħala trade marks verbali u figurattiva, li topponi li dawn iċ-ċilindri, wara li jkunu nxtraw minn konsumaturi li sussegwentement, użaw il-gass

**li inizjalment kien jinsab fihom, jiġu mibdula minn terz, bi ħlas, ma' ċilindri komposti mimlija bil-gass li ma humiex ġejjin minn din il-persuna li għandha liċenzja, sakemm din l-istess persuna li għandha liċenzja ma tkunx tista' tibbażza ruħha fuq raġuni ġusta fis-sens tal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 89/104.**

Firem